# QORTI TAL-APPELL

## IMĦALLFIN

**S.T.O. PRIM IMĦALLEF MARK CHETCUTI**
**ONOR. IMĦALLEF CHRISTIAN FALZON SCERRI**
**ONOR. IMĦALLEF JOSETTE DEMICOLI**

**Seduta ta' nhar il-Ħamis, 18 ta' Jannar, 2024.**

**Numru 10**

**Rikors numru 564/2017/1JZM**

**L-Avukat Dr Malcolm Mifsud u L-Avukat Dr Cedric Mifsud**

**v.**

**OpusTrust Sp. z.o.o, u b'digriet tas-26 ta' Ġunju, 2018 ġew nominati l-Av Dr Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina biex jirrappreżentaw lis-soċjetà intimata**

**Il-Qorti:**

1. Din hija sentenza dwar appell imressaq mill-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, fl-interess ta' OpusTrust Sp. z.o.o., minn deċiżjoni finali mogħtija mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili nhar l-1 ta' Lulju, 2019, li permezz tagħha laqgħet it-talbiet tal-atturi u kkundannat lill-kumpanija konvenuta tħallas l-

ammont ta' €19,372 bl-imgħax legali jitlaq mit-23 ta' Ġunju, 2017 sad-data tal-ħlas effettiv, bl-ispejjeż kontra l-kumpanija konvenuta u bil-kuraturi deputati jitħallsu skont il-liġi.

**Daħla**

2. B'rikors maħluf imressaq fit-23 ta' Ġunju, 2017, l-atturi fissru li huma joffru servizzi professjonali ta' natura legali lill-kumpanija konvenuta skont l-Ittra tal-Ingaġġ tat-18 ta' Settembru, 2012 mibgħuta minnhom u ffirmata mill-kumpanija konvenuta. Skont dan il-ftehim, il-kumpanija konvenuta kellha tħallas l-ammont ta' €750 fix-xahar bħala *retainer fee* u ma' dan l-ammont kellu jiżdied il-VAT.

3. Jissoktaw jgħidu li huma ħarġu bosta fatturi rappreżentanti dawn is-servizzi professjonali li ma ġewx ikkontestati mill-kumpanija konvenuta u li baqgħu ma tħallsux tagħhom. Is-somma totali ta' dawn il-fatturi li għadhom pendenti huwa ta' €19,372. Minkejja li huma sejħu bosta drabi lill-kumpanija konvenuta sabiex tersaq għall-ħlas tal-fatturi hija baqgħet inadempjenti.

4. L-atturi qiesu li dan l-ammont kien dejn ċert, likwidu u dovut. Minħabba f'hekk fetħu din il-kawża u talbu lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex:

*«1. Taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ ai termini tal-Artikoli 167 et sequitur tal-Kap 12 tal-Liġijiet ta' Malta;*
*2. Tiddikjara illi s-soċjetà intimata hija debitriċi tar-rikorrenti għas-somma ta' dsatax-il elf tliet mija u tnejn u sebgħin ewro (€19,372) rappreżentanti diversi servizzi professjonali ta' natura legali illi r-rikorrenti offrew lis-soċjetà intimata;*
*3. Tikkundanna lis-soċjetà intimata Opus Trust Sp z.o.o. sabiex tħallas lir-rikorrenti is-somma ta' dsatax-il elf tliet mija u tnejn u sebgħin ewro (€19,372) għar-raġunijiet kif fuq dettaljati;*

*Bl-ispejjeż u l-imgħaxijiet kontra s-soċjetà intimata li tibqa' minn issa inġunta għas-subizzjoni.»*

5. Fis-seduta tal-10 ta' Diċembru, 2018, l-Ewwel Qorti ddikjarat li ma kinitx se tqis din il-kawża aktar bil-proċedura sommarja speċjali u dan peress li ma setgħux jiġu mħarsa t-termini msemmija fl-**Artikolu 169 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**, tant li kienet meħtieġa l-ħatra ta' kuraturi deputati.

6. Il-kuraturi deputati, l-Avukat Dottor Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, maħtura mill-Qorti sabiex jirrappreżentaw lill-kumpanija OpusTrust Sp. z.o.o. wieġbu fit-22 ta' Novembru, 2018 b'risposta maħlufa fejn eċċepew:

*«i. Illi f'dan l-istadju l-esponenti mhumiex edotti mill-fatti u għalhekk jirriżervaw li jippreżentaw risposta ulterjuri fi stadju ulterjuri tal-proċeduri jekk ikun il-każ;*
*ii. Illi mingħajr preġudizzju għall-premess għandha tingħata prova ta' notifika tal-konvenuti stante li għandhom is-sede fil-Polonja li huwa pajjiż fl-Unjoni Ewropea;*
*iii. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.»*

7. B'sentenza finali mogħtija nhar l-1 ta' Lulju, 2019 l-Ewwel Qorti ddeċidiet il-kawża hekk:

*«Tiddikjara illi l-ewwel talba mhux sejra tingħata aktar konsiderazzjoni.*
*Tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-kuraturi deputati.*
*Tilqa' t-tieni talba.*
*Tilqa' t-tielet talba u tordna li l-ammont dovut lill-atturi jitħallas bl-imgħax legali b'effett mit-23 ta' Ġunju 2017 sad-data tal-ħlas effettiv.*
*Tikkundanna lis-soċjetà konvenuta sabiex tħallas l-ispejjeż ta' din il-kawża.*
*Il-kuraturi deputati jitħallsu skont il-liġi.»*

8. Ir-raġunijiet li wasslu lill-Ewwel Qorti biex iddeċidiet hekk huma dawn:

«***III. It-tieni eċċezzjoni***

*Fit-tieni eċċezzjoni qed ikun eċċepit illi kellha tingħata prova tan-notifika tal-konvenuta. Jirriżulta li meta kien preżentat ir-rikors ġuramentat fit-23 ta' Ġunju 2017, l-indirizz li ngħata mill-atturi għan-notifika tas-soċjetà konvenuta kien: "Centrum Zielna, budynek B ul. Zielna, 37, 00-108, Warsawa, Polska. Dan jidher li huwa l-istess indirizz li hemm fl-engagment letter (Dok A). Jidher li dan huwa l-indirizz li huwa indikat fl-invoices kollha li ġew ippreżentati mill-atturi.*

*B'rikors tas-6 ta' Novembru 2017, l-atturi talbu sabiex in-notifika tal-konvenuta ssir permezz tal-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali f'indirizz ġdid li huma kellhom, u ċjoè: Moniuszki 1A, 00-014, Warszawa, Polska. Kif jidher min-nota li kienet preżentata mill-uffiċċju tal-Avukat Ġenerali (ara fol 75), jidher li kien hemm diffikultajiet sabiex issir in-notifika. Kif jidher mid-dokumenti li ppreżenta l-Avukat Ġenerali, kienet qed issir notifika tar-rikors ġuramentat bil-Malti u bl-Ingliż.*

*B'rikors li ppreżentaw fit-22 ta' Mejju 2018, l-atturi talbu l-ħatra ta' kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-konvenuta, peress li hija assenti minn dawn il-Gżejjer, billi n-notifika tramite l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali ma wasslet għall-ebda riżultat.*

*Mill-atti huwa evidenti li l-atturi għamlu t-talba wara sitt xhur li l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kien ittenta n-notifika.*

*In segwitu, b'nota tal-Avukat Ġenerali tal-5 ta' Ottobru 2018, ġie ppreżentat ċertifikat li ġie mill-Aġenzija tal-Polonja, addetta min-notifika tal-atti ġejjin minn barra l-pajjiż, fejn jidher illi s-soċjetà konvenuta rrifjutat li taċċetta r-rikors ġuramentat għal raġuni ta' lingwa. Il-Qorti tosserva li kif jirriżulta minn fol 77, l-att intbagħat kemm bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż.*

*Ir-rikors għall-ħatra tal-kuraturi deputati kien notifikat lil Stefania Cardona li, kif jidher minn Dok MM1, kellha flimkien ma' Agnieszka Rzepecka, ir-rappreżentanza legali tas-soċjetà konvenuta.*

*Billi ħadd ma aċċetta l-kurazija, il-Qorti laqgħet it-talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati tant li kienu maħtura l-Av. Josette Sultana u l-P.L. Doreen Aquilina.*

*Kif jirriżulta b'mod inekwivoku mid-dokument li kien esibit mill-Avukat Ġenerali, a tergo ta' fol 135, in-notifika fil-fatt kienet saret b'mod regolari, u kienet is-soċjetà konvenuta li rrifjutat li taċċetta l-att.*

*Għalhekk l-eċċezzjoni qiegħda tkun respinta.*

***IV. Mertu***

*L-atturi qegħdin jitolbu ħlas għal servizzi professjonali li pprestaw lis-soċjetà konvenuta.*

*Il-quantum tal-ħlas pretiz huwa ta' €19,372, skont il-fatturi Dok B sa Dok N.*

*Jirriżulta ppruvat li s-soċjetà konvenuta kienet konxja li kien hemm ħlas dovut, għalkemm fl-email Dok JS 03 (esibit minn Dr Josette Sultana noe) ingħad min-naħa tas-soċjetà konvenuta li ma kienx ingħata servizz mill-atturi u allura xejn ma kien dovut. Din iċ-ċaħda tikkontrasta ferm mal-email Dok CM1 (fol 172) fejn Agnieszka Rzepecka tant ma kkontestatx li kien ingħata servizz mill-atturi, u li l-ħlas pretiż minnhom kien dovut, li pproponiet modalità ta' ħlas.*

*Din il-Qorti tgħid illi fuq bilanċ ta' probabbiltajiet l-atturi ppruvaw il-pretensjoni tagħhom kif trid il-liġi u sal-grad rikjest mil-liġi.»*

9. Il-kuratur deputati, l-Avukat Dottor Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina, fil-kwalità tagħhom ta' rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta appellaw minn din is-sentenza finali b'rikors imressaq fit-18 ta' Lulju, 2019, bl-aggravji jkunu: (i) in-nullità tal-azzjoni bit-trapass ta' sentejn; (ii) l-apprezzament ħażin tal-fatti min-naħa tal-Ewwel Qorti; u (iii) in-nuqqas ta' prova tan-notifika tal-kumpanija appellanti.

10. L-atturi wieġbu fid-9 ta' Awwissu, 2019, u taw ir-raġunijiet tagħhom

għala dan l-appell għandu jiġi miċħud.

11. Inżamm smigħ fid-19 ta' Ottubru, 2023 u minn hemmhekk il-kawża tħalliet biex tingħata s-sentenza llum.

**Konsiderazzjonijiet:**

12. Din hija azzjoni li permezz tagħha l-atturi, li huma avukati, qegħdin ifittxu lill-kumpanija konvenuta sabiex tħallashom għas-servizzi professjonali li huma tawha, hekk kif jixhdu l-fatturi maħruġa minnhom fuq numru ta' snin.

13. Kif diġà ngħad, il-kuraturi deputati fil-kwalità tagħhom bħala rappreżentanti tal-kumpanija konvenuta appellaw mis-sentenza tal-Ewwel Qorti u ressqu tliet aggravji.

14. Huwa siewi li din il-Qorti tibda billi tqis it-**<u>tielet aggravju</u>** mressaq mill-kuraturi deputati, billi jekk dan jirriżulta li huwa fejjiedi ma jkunx hemm aktar lok li jitqiesu l-aggravji l-oħra u filwaqt li s-sentenza titħassar, il-kawża tintbagħat lura lill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili sabiex il-kawża tissokta.

15. Illi l-appellanti kuraturi deputati fil-kwalità tagħhom ifissru li dan l-aggravju jittratta n-nuqqas ta' prova tan-notifika tal-kumpanija konvenuta.

Huma jsostnu li l-kumpanija appellanti ma tikkontestax il-fatt li l-appellati l-ewwel innotifikawha f'indirizz ħażin u mbagħad irċevew l-atti fl-indirizz it-tajjeb ġewwa l-Polonja, ċjoè f'Moniuszki 1A, 00-014, Warszawa, Polska. Il-kuraturi jgħidu però li l-kumpanija appellanti qajmet il-punt li hi ma ġietx notifikata tajjeb quddiem l-Ewwel Qorti. Kemm hu hekk, il-kuraturi jispjegaw li l-kumpanija appellanti ma aċċettatx li tirċievi d-dokumenti abbażi tal-**Artikolu 8(1) tar-Regolament Ewropew 1393/2007** u dan kif imfisser fid-*declaration of refusal to accept documents.*

16. Il-kumpanija appellanti tgħid li subordinatament, ġaladarba t-traduzzjoni ma kinitx waħda li saret fedelment, din kienet ġustifikazzjoni tajba għaliex il-kumpanija appellanti ma rċevietx id-dokumenti mehmuża mar-rikors promotur, u għal din ir-raġuni lanqas kellhom jinħatru kuraturi deputati għall-assenti kumpanija konvenuta. Il-kuraturi deputati jargumentaw li l-Ewwel Qorti naqset li tqis dan fis-sentenza tagħha u għalhekk jisħqu li l-Ewwel Qorti ma setgħetx tidħol fil-mertu tal-kwistjoni ladarba lanqas kien hemm notifika tajba kif maħsub fir-Regolament. Għaldaqstant skont il-kuraturi deputati, din il-Qorti għandha tiċħad it-talbiet tal-appellati.

17. Illi l-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi jgħidu li l-Ewwel Qorti ddeċidiet tajjeb li l-prova tan-notifika kienet waħda tajba u li kienet il-

kumpanija konvenuta li rrifjutat għalxejn in-notifika. Jisħqu li l-kumpanija appellanti qiegħda tipprova tevita n-notifika billi targumenta li ma kienx hemm traduzzjoni fil-lingwa Ingliża iżda hija stess tagħraf illi kien hemm traduzzjoni tar-rikors maħluf. Saħansitra l-kumpanija appellanti targumenta li r-rikors ma nħariġx mill-Qorti u kien iffirmat minnhom però l-appellati jsostnu li r-rikors huwa wieħed regolari u validu fil-liġi.

18. L-appellati jfakkru wkoll li r-rikors għall-ħatra ta' kuraturi deputati ġie ppreżentat fit-22 ta' Mejju, 2018 u b'hekk aktar minn sitt xhur wara li huma ppruvaw jinnotifikaw lill-kumpanija konvenuta permezz tal-Uffiċċju Ġenerali u mingħajr ma ġie ritornat iċ-ċertifikat ta' risposta min-naħa tal-Polonja. Skont l-**Artikolu 19 tar-Regolament Ewropew 1393/2007**, l-Ewwel Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza iżda huma talbu li jinħatru kuraturi deputati sabiex jirrappreżentaw lill-kumpanija appellanti. Kemm hu hekk, b'riħet dan, il-kuraturi deputati kkomunikaw mal-kumpanija appellanti u l-kuraturi deputati dehru quddiem l-Ewwel Qorti fl-inkarigu mogħti lilhom u b'hekk kellha titqies illi n-notifika saret għal darb'oħra lill-kuraturi deputati. Kien biss f'Ottubru tas-sena 2018 (wara li kienu għaddew is-sitt xhur imposti mil-liġi u kienet saret il-ħatra tal-kuraturi deputati) li wasal iċ-ċertifikat mill-Aġenzija tal-Polonja u jekk kien hemm xi nuqqas min-naħa tal-Awtoritajiet Pollakki għal dan id-dewmien m'għandhomx jaħtu huma.

19. Il-Qorti tqis li dwar dan l-aggravju hemm bosta kwistjonijiet li jeħtieġ li jiġu mistħarrġa.

20. Il-kumpanija appellanti torbot dan l-aggravju mat-tieni eċċezzjoni tagħha li kienet tgħid hekk: *«Illi mingħajr preġudizzju għall-premess għandha tingħata prova ta' notifika tal-konvenuti stante li għandhom is-sede fil-Polonja li huwa pajjiż fl-Unjoni Ewropea.»* Meta ġiet ippreżentata r-risposta maħlufa (fit-22 ta' Novembru, 2018) ma kinitx għadha ġiet ippreżentata n-nota tal-Avukat Ġenerali (fis-7 ta' Diċembru, 2018 f'paġna 144 sa 163 tal-atti), li permezz tagħha ġie ppreżentat iċ-ċertifikat mibgħut mill-Aġenzija Pollakka, minn fejn irriżulta li l-kumpanija konvenuta kienet irrifjutat li taċċetta d-dokumenti, flimkien mad-dikjarazzjoni tal-kumpanija appellanti bir-raġuni għal xiex m'aċċettatx id-dokumenti. F'dak l-istadju kienet għadha biss ġiet ippreżentata n-nota tal-Avukat Ġenerali fil-5 ta' Ottubru, 2018, li magħha kien hemm mehmuż iċ-ċertifikat mill-Aġenzija Pollakka li l-kumpanija konvenuta rrifjutat li taċċetta d-dokumenti *«on account of the language used.»* Għalhekk huwa ovvju li l-eċċezzjoni tal-kuraturi deputati ma setgħetx tkun intiża bħala li n-notifika tal-kumpanija konvenuta fil-fatt ma kinitx saret skont il-liġi għaliex ma kienx hemm biżżejjed informazzjoni dwar in-notifika tal-kumpanija konvenuta. Jidher però minn qari tas-sentenza appellata, li l-Ewwel Qorti qieset xorta waħda l-argument imressaq mill-kumpanija konvenuta dwar is-siwi tan-notifika tagħha, iżda kkonkludiet li dan l-argument ma kienx siewi.

21. Ġaladarba l-Ewwel Qorti qieset l-ilment tal-kumpanija konvenuta dwar il-validità tan-notifika tagħha, din il-Qorti se tqisu wkoll.

22. Ħarsa lejn l-artikoli rilevanti tar-**Regolament (KE) Numru 1393/2007 dwar is-servizz fl-Istati Membri ta' dokumenti ġudizzjarji u extra-ġudizzjarji fi kwistjonijiet ċivili jew kummerċjali (servizz ta' dokumenti) u li jħassar ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1348/2000** (illum imħassar u ħadlu postu r-**Regolament Numru 2020/1784** sa mill-1 ta' Lulju, 2022) u lejn id-dokumentazzjoni u l-provi mressqa, din il-Qorti jidhrilha li m'hemm xejn x'tiċċensura fir-raġunament tal-Ewwel Qorti.

23. Jirriżulta min-nota tal-Avukat Ġenerali tal-21 ta' Mejju, 2018 (f'paġni 75 sa 80 tal-atti) li saret talba minnu, bħala l-aġenzija li tibgħat skont ir-Regolament imsemmi, għas-servizz tad-dokumenti ġudizzjarji lil OpusTrust Sp. z.o.o lill-aġenzija responsabbli li tirċievi f'dik il-parti tal-Polonja nhar l-14 ta' Novembru, 2017. Ingħad li għalkemm l-Avukat Ġenerali talab informazzjoni dwar kif kien miexi s-servizz nhar l-20 ta' Frar, 2018 u baqa' bla tweġiba, ħa ħsieb jikteb ukoll lill-Korp Ċentrali responsabbli għat-tiftix ta' soluzzjonijiet li tista' tinqala' waqt it-trasmissjoni tad-dokumenti nhar it-8 ta' Marzu, 2018. Ta' rilevanza huwa l-fatt li l-Avukat Ġenerali hemeż it-talba li kien bagħat lill-Aġenzija Pollakka (Dok A) minn fejn jirriżulta: (i) li l-indirizz li fih kellha tiġi notifikata

l-kumpanija konvenuta kien tajjeb; u (ii) li ġie indikat li d-dokument li kien jeħtieġ li jkun notifikat kien wieħed ġudizzjarju u li l-lingwa tad-dokument kien bil-Malti fl-oriġinal tiegħu, hekk kif tradott fil-lingwa Ingliża.

24. L-**Artikolu 8(1) tar-Regolament 1393/2007** kien jipprovdi (fid-data ta' meta twasslu d-dokumenti) li d-destinatarju jista' jirrifjuta li jaċċetta d-dokument maħsub għan-notifika, jew fl-istess mument meta dan ikun innotifikat inkella billi jirritorna d-dokument lill-aġenzija li tirċievi fi żmien ġimgħa, jekk id-dokument ma jkunx miktub b'waħda minn dawn il-lingwi li ġejjin, jew jekk ma jkollux miegħu traduzzjoni f'waħda minnhom: (a) lingwa li jifhimha d-destinatarju; jew (b) il-lingwa uffiċjali tal-Istat Membru indirizzat jew, jekk dak l-Istat Membru jkollu diversi lingwi uffiċjali, il-lingwa uffiċjali jew waħda mil-lingwi uffiċjali tal-post fejn irid ikun isir is-servizz.

25. Dan is-sub-artikolu jrid jinqara flimkien mas-**sub-artikolu (3) tal-Artikolu 8 tar-Regolament**, fis-sens li jekk id-destinatarju jkun irrifjuta li jaċċetta d-dokument skont il-**paragrafu 1**, is-servizz tad-dokument jista' jkun irrimedjat permezz ta' servizz lid-destinatarju tad-dokument li miegħu jkollu t-traduzzjoni meħtieġa.

26. Illi fid-dikjarazzjoni ffirmata minn Agnieszka Rzepecka (President tal-Bord tad-Diretturi ta' OpusTrust Sp. z.o.o) datata 20 ta' Settembru, 2018, jingħad li r-rifjut tad-dokument kien ibbażat fuq l-**Artikolu 8(1) tar-**

**Regolament Numru 1393/2007** u kitbet: *«The attached documents are most probably drawn up in Maltese, while the entities representing the Company understand Polish and English. It should be noted that the attached copies of documents are by hand numbered from 5 to 19, of which the cards marked with numbers 5, 6, 7 and 19 are only in Maltese.»* Tkompli mbagħad li: *«The fact that the card number 8 was written in a bilingual form (along with a handwritten annotation on adjournment of the hearing to November 27th, 2017, cards from 9 to 11 are most likely an English translation of cards numbered 15 to 18 (excluding handwritten annotations and seals), as well as the fact that cards 12, 13 and 14 are drawn up only in English, does not make the correspondence understandable for the Company, and even heightens the confusion of the addressee regarding the actual content of the documents sent. On card number 8, the Maltese Court seems to inform the Company of the hearing scheduled for '28 ta' Settembru, 2017', in accordance with the handwritten annotation, adjourned to November 27th, 2017 (sic!). In turn, cards from 9 to 18 seem to be a form of a lawsuit (sworn statement of plaintiffs), on which there is annotation about the obligation to submit an answer to it. These cards do not seem to originate from the Maltese Court (only the signature of the plaintiffs appear under them), hence the Company does not know whether it has been effectively obliged by the provisions of Maltese law, to submit the said reply within the indicated deadline. Perhaps the remaining cards, drawn up only in Maltese and*

*originating from the Maltese Court, explain the above doubt and/or oblige the Company to perform further procedural acts.»* Għal dawn ir-raġunijiet il-kumpanija konvenuta talbet li jitħejjew it-traduzzjonijiet meħtieġa u jiġu notifikati lilha. Hija hemżet id-dokumentazzjoni li rċeviet.

27. Jirriżulta li d-dokumenti li huma mmarkati bħala paġni 5 sa 7 (f'paġni 152 sa 153 tal-atti) huma biss bil-lingwa Maltija. Dawn kienu jikkonsistu fir-rikors tal-appellati sabiex il-kumpanija appellanti tkun notifikata permezz tar-**Regolament** imsemmi u d-digriet tal-Qorti li permezz tiegħu ntlaqgħet it-talba. Id-dokument immarkat 8 (f'paġna 154 tal-atti) huwa l-avviż għas-smigħ tal-kawża u kif imsemmi fid-dikjarazzjoni dan huwa kemm bil-Malti, kif ukoll bil-lingwa Ingliża. Huwa ovvju li l-kumpanija appellanti rċeviet ir-rikors maħluf bil-lingwa Ingliża, kif ukoll bil-lingwa Maltija. F'dan tal-aħħar hemm it-timbru tal-preżentata (bil-Malti) tal-att fir-Reġistru tal-Qorti. Il-kumpanija appellanti ddeċidiet li r-rikors maħluf fil-lingwa Ingliża ma kienx dokument li ħareġ mill-Qorti. Il-kumpanija appellanti żbaljat meta assumiet dan mingħajr ma wettqet il-verifiki meħtieġa. *Ignorantia legis non excusat,* li tradotta għal Malti tiġi li n-nuqqas ta' għarfien tal-liġi mhijiex skuża. Il-kumpanija appellanti messha ħadet parir legali ladarba kellha l-att promotur b'lingwa li hija kienet tagħraf u mhux taqbad u tirrifjuta d-dokumenti. Id-dokumenti li kellha f'idejha kienu tali li kellha d-dokumentazzjoni meħtieġa sabiex tifhem x'kienu l-atti li waslulha u li kienu atti ġudizzjarji. Għalhekk ma jistax

jitqies li n-notifika saret ħażin.

28. Sewwa qalet l-Ewwel Qorti li t-talba għall-ħatra ta' kuraturi deputati saret mill-appellati wara sitt xhur li l-Uffiċċju tal-Avukat Ġenerali kien bagħat id-dokumenti lill-Aġenzija Pollakka u b'hekk jinżel li r-**Regolament** tħares u ma kien hemm xejn irregolari li nħatru l-kuraturi deputati. Punt dan, li fl-aħħar mill-aħħar lanqas tqajjem quddiem l-Ewwel Qorti permezz ta' eċċezzjoni *ad hoc* u għalhekk lanqas huwa permissibbli fl-istadju tal-appell li jitqajjem issa.

29. Jirriżulta wkoll li l-kuratur deputat, l-Avukat Dottor Josette Sultana, ikkomunikat b'mod elettroniku ma' rappreżentant tal-kumpanija appellanti. Kemm huwa hekk ġiet ippreżentata l-korrispondenza li ġiet skambjata. Jirriżulta li ċertu Kinga Labanowicz, f'isem il-kumpanija, wieġeb lil Dr Sultana u qalilha li kien magħruf li kien hemm dawn il-proċeduri minħabba li kienu nħarġu l-mandati ta' sekwestru fis-snin 2017 u 2018 fil-konfront ta' tliet kumpaniji fosthom Opus Management Malta Limited u kif ukoll, testwalment, *«because of an inept attempt to deliver some court documentation, that the Company refused to accept.»* Kompla mbagħad billi qal x'kienu r-raġunijiet għalfejn it-talbiet tal-appellati ma kienux siewja.

30. Illi għalkemm il-kuraturi deputati kellhom din l-informazzjoni

f'idejhom, huma la ressqu x-xhieda ta' xi rappreżentant tal-kumpanija permezz ta' affidavit u lanqas ma talbu lil xi rappreżentant jixhed *viva voce* biex jikkonferma bil-ġurament il-pożizzjoni tal-kumpanija appellanti.

31. Rilevanti wkoll dak li tenniet il-Qorti tal-Appell fis-sentenza tad-29 ta' Marzu, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Aegis Corporate Services Limited v. OpusTrust Sp. z.o.o***: *«Fuq kollox, jirriżulta li f'dan il-każ il-kuraturi deputati wkoll imxew eżatt mad-dmirijiet li huma mixħuta fuq spallejhom bil-liġi u dan partikolarment dawk imniżżla fis-sub-paragrafi (ċ), (d) u (e) tal-Artikolu 936(1) tal-Kap 12, li fihom insibu li huwa d-dmir tal-kuraturi: "li jikkuntattjaw minnufih lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw", "li jgħarrfu lill-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw b'kull att ġudizzjarju u x'ikun fih", u "li jiksbu t-tagħrif kollu meħtieġ sabiex jiddefendu kull interess tal-persuna jew persuni li jkunu qed jirrappreżentaw". Kemm hu hekk, l-Avukat Chircop għamel kuntatt mar-rappreżentanti tal-konvenuta u filwaqt li talabhom biex jagħtuh dak it-tagħrif kollu meħtieġ sabiex ikun jista' jiddefendi l-interessi tal-konvenuta, dan bagħtilhom ukoll kopja elettronika tar-rikors maħluf kif tradott fl-ilsien Ingliż. Jirriżulta b'hekk li s-sistema tal-kuraturi ħadem kif maħsuba mil-liġi, tant li wassal biex il-kumpanija konvenuta saret taf eżatt bil-kawża li nfetħet kontriha u tqiegħdet f'pożizzjoni li setgħet tagħti lill-appellanti dak it-tagħrif kollu meħtieġ biex jitħarsu l-interessi tagħha f'din il-kawża, li kieku għażlet li tagħmel dan. F'dan il-każ, il-konvenuta stess*

*ikkonfermat ukoll il-ħatra tal-Avukat Chircop bħala r-rappreżentant tagħha f'dawn il-proċeduri, u b'hekk l-appellanti lanqas jistgħu jilmentaw li l-Ewwel Qorti żbaljat meta qieset li l-kumpanija konvenuta kellha rappreżentant awtorizzat minnha f'Malta għall-finijiet tal-preambolu 8 tar-Regolamenti 1393/2007(KE).»*

32. Fil-każ tagħna, l-Avukat Sultana kkomunikat mal-kumpanija appellanti. Ma kienx hemm il-ħtieġa li tibgħat kopja tar-rikors maħluf, kemm għaliex il-kumpanija konvenuta kienet ratu diġà meta waslulha d-dokumenti, billi kif rajna dan kien fil-lingwa Ingliża, kif ukoll mill-*email* tar-rappreżentant tal-kumpanija konvenuta (f'paġna 186 u 187 tal-atti) fejn jirriżulta li huwa ovvju li hija kienet taf dwar xiex kienet il-kawża. Siltiet minn din l-*email* huma: *«Our understanding is, that the Mifsud's (applicants) claim remuneration for provision of legal Services allegedly provided between May 2013 and August 2016»* (bħala fatt il-fatturi ppreżentati mill-atturi li jinsabu f'paġni 11 sa 24 tal-atti jkopru dan il-perjodu). Fl-*email* jingħad li dawn is-servizzi ma ngħatawx u li x'aktarx il-kumpanija ma rċevietx il-fatturi u tissemma li għal din l-azzjoni għandha tkun applikabbli l-preskrizzjoni ta' sentejn.

33. Jirriżulta għalhekk li l-kumpanija konvenuta tqiegħdet f'pożizzjoni li setgħet tiddefendi ruħha, anke għaliex kellha r-rappreżentant tagħha f'Malta permezz tal-kuraturi deputati maħtura mill-Ewwel Qorti.

34. L-argument sussidjarju li t-traduzzjoni ma saritx fedelment jidher li huwa punt ġdid li tqajjem fl-istadju tal-appell u b'hekk mhux se jitqies.

35. Għaldaqstant dan l-aggravju mhux siewi u qiegħed jiġi miċħud.

36. Ngħaddu issa għall-**ewwel aggravju**. Il-kumpanija appellanti tirreferi għal dan l-aggravju bħala: *«Nullità tal-azzjoni bit-trapass ta' sentejn.»* Tgħid li l-Ewwel Qorti warrbet il-fatt li għaddew sentejn minn meta ngħataw l-allegati servizzi u meta ġiet ippreżentata l-kawża u dan skont l-**Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili**. Tfisser li l-kawża tnediet nhar it-23 ta' Ġunju, 2017 u l-fatturi maħruġa jkopru l-perjodu mit-13 ta' Mejju, 2013 sal-24 ta' Awwissu, 2016 u b'hekk il-parti l-kbira tal-kreditu allegat mhux dovut billi għaddew sentejn. Tisħaq li l-Ewwel Qorti naqset li tqis il-kwistjoni tal-preskrizzjoni, u aktar minn hekk straħet fuq il-korrispondenza li kien hemm bejn Agnieszka Rzepecka u l-appellati wara li ġiet ippreżentata l-kawża u waslet għall-konklużjoni li ladarba kien esplorat il-metodu ta' ħlas dan kien jikkonferma li l-ħlas huwa dovut.

37. L-appellati laqgħu għal dan l-aggravju billi tennew li huwa improponibbli u improsegwibbli billi din l-eċċezzjoni ma kinitx imqajma quddiem l-Ewwel Qorti u b'hekk ma jistax jingħad li l-Ewwel Qorti naqset li teżamina dan il-punt u rreferew għall-**Artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili**.

Mingħajr ħsara għal dak li qalu qabel, l-appellati jgħidu li l-preskrizzjoni applikabbli ma kinitx dik ta' sentejn iżda dik ta' ħames snin hekk, kif maħsub fl-**Artikolu 2151 tal-Kodiċi Ċivili** u għandu jirriżulta li l-kawża ġiet ippreżentata fit-terminu. Fi kwalunkwe każ, jgħidu wkoll li l-aċċettazzjoni min-naħa tal-kumpanija appellanti ma seħħitx għall-ewwel darba bil-korrispondenza li ġiet ippreżentata, iżda jrid jittieħed kont ta' dak li xehed fl-affidavit tiegħu l-appellat Dr Malcolm Mifsud. Jiġi b'hekk li huma rilevanti l-**Artikoli 2133, 2108** u **2109 tal-Kodiċi Ċivili**.

38. Illi l-**Artikolu 2111 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li :*«Il-qorti ma tistax ex officio tagħti effett għall-preskrizzoni, jekk din ma tiġix eċċepita mill-parti interessata.»* Dan l-artikolu huwa ċar biżżejjed u l-interpretazzjoni dwaru hi li l-ġudikant ma jistax jirriċerka *d'ufficio* l-fatti kostituttivi ta' eċċezzjoni riżervata mil-liġi lill-partijiet (ara s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (Kompetenza Inferjuri) tat-22 ta' Ġunju, 2005 fil-kawża fl-ismijiet ***Joseph Gauci v. Saviour Farrugia***).

39. Minn dan jinżel, li dik il-parti tal-aggravju tal-kumpanija appellanti, fejn jingħad li l-Ewwel Qorti kellha tistħarreġ jekk l-azzjoni tal-appellati kinitx preskritta mhux fejjiedi. Mod ieħor jitqies li jmur proprju kontra dak li hemm provdut fil-liġi. L-Ewwel Qorti ma setgħet qatt tistħarreġ minn jeddha jekk l-azzjoni kinitx preskritta jew le.

40. Minkejja dan, ladarba l-**Artikolu 2112 tal-Kodiċi Ċivili** jipprovdi li: *«L-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni tista' tingħata f'kull waqt tal-kawża, imqar fl-appell»,* din il-Qorti se tqis l-eċċezzjoni tal-preskrizzjoni kif imressqa mill-kumpanija appellanti. Il-kuraturi deputati f'isem il-kumpanija appellanti qalu li l-parti l-kbira tal-fatturi huma preskritti billi għaddew is-sentejn u dan abbażi tal-**Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili.**

41. Din il-Qorti titlaq billi tgħid li l-preskrizzjoni hija mezz sabiex wieħed ikun jista' jeħles minn azzjoni meta l-kreditur ma jkunx eżerċita l-jedd tiegħu għal żmien li tgħid il-liġi (ara **Artikolu 2107(2) tal-Kodiċi Ċivili**). Il-filosofija legali li tiġġustifika l-preskrizzjoni hi li wara ċertu żmien l-obbligazzjonijiet bejn il-partijiet iridu jiġu maqtugħa. Huwa sewwasew għalhekk li tidħol fix-xena l-preskrizzjoni għaliex il-liġi ma tridx illi tilwimiet bejn partijiet jibqgħu mdendlin għal dejjem mingħajr ma qatt jiġu solvuti (ara ***Albert Camilleri v. Dr. Richard Galea Debono*** deċiza mill-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili, fl-1 ta' Lulju, 1997; u ***Kooperattiva tal-Coaches (Koptaco) Limited v. Thomas Smith Insurance Agency Limited*** deċiża mill-Qorti tal-Appell deċiża fil-25 ta' Mejju, 2023 ).

42. Illi kif ingħad drabi oħra, sabiex jiġu applikati dawn il-preskrizzjonijiet il-qosra, jeħtieġ li jiġi osservat ukoll dak li jipprovdi l-**Artikolu 2160 tal-Kodiċi Ċivili** (kif emendat fl-2017) jiġifieri: *«Il-preskrizzjonijiet imsemmija fl-artikoli 2147, 2148, 2149, 2156 u 2157*

*m'għandhomx effett jekk il-partijiet li jeċċepuhom, meta jingħata lilhom il-ġurament, ma jistqarrux li mhumiex debituri, jew li ma jiftakarx jekk il haġa ġietx imħallsa.»* Bl-emenda li saret fis-sena 2017, il-leġislatur impona fuq il-konvenut l-obbligu li jieħu l-ġurament u fin-nuqqas, il-konvenut ma jkunx jista' jieħu benefiċċju mill-preskrizzjonijiet qosra (ara s-sentenza ta' din il-Qorti (Kompetenza Inferjuri) fil-kawża fl-ismijiet ***Bottega Del Marmista Ltd v. Paul Mifsud pro et*** tas-26 ta' Jannar, 2018). Tassew, bl-emendi tal-2017, inbidlet xi ftit is-sitwazzjoni, hekk kif ġaladarba tiġi eċċepita l-preskrizzjoni brevi jew partikolari, huwa l-konvenut li jrid minn jeddu jgħid bil-ġurament waqt il-kawża, li mhuwiex debitur jew li ma jiftakarx jekk il-ħaġa ġietx imħallsa (fejn qabel kien jingħata l-ġurament deċiżorju) (ara s-sentenza ta' din il-Qorti tat-12 ta' Ottubru, 2023 fil-kawża fl-ismijiet ***Anvil Limited v. Ta' Giorni Limited***).

43. Illi meta l-liġi u t-tagħlim ġurisprudenzjali jitħaddmu għall-każ tagħna, din il-Qorti ssib li l-kumpanija appellanti naqset li ssostni l-eċċezzjoni tagħha taħt l-**Artikolu 2149(ċ) tal-Kodiċi Ċivili** billi ma wettqitx dak li jitlob minnha l-**Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili**. Ebda rappreżentant tal-kumpanija appellanti ma ddikjara bil-ġurament illi l-kumpanija mhijiex debitriċi, jew li ma jiftakarx jekk ħallsitx lill-atturi, skont ma jitlob l-**Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili**, hekk kif emendat. Kulma hemm fl-atti hija *email* li ntbagħtet lill-kuratur deputat u xejn iżjed. Dan mhux biżżejjed biex l-**Artikolu 2160(1) tal-Kodiċi Ċivili** jkun sodisfatt.

44. Mingħajr ebda dubju, din l-eċċezzjoni setgħet tressqet quddiem l-Ewwel Qorti. Seta' wkoll tressaq rappreżentant biex jixhed sabiex isostni l-istess eċċezzjoni. Dan iżda ma sarx.

45. Għaldaqstant dan l-aggravju wkoll qiegħed jiġi miċħud.

46. Jifdal li din il-Qorti tqis it-**tieni aggravju** tal-kumpanija appellanti li permezz tiegħu lmentat li l-Ewwel Qorti għamlet apprezzament ħażin tal-fatti. Il-kuraturi deputati jissoktaw jgħidu li l-Ewwel Qorti straħet b'mod assolut fuq il-korrispondenza eżistenti bejn Agnieszka Rzepecka u l-appellati milli tat importanza lejn il-provi kollha prodotti u jekk l-allegat ħlas kienx verament dovut għas-servizzi prestati. Jgħidu li l-Ewwel Qorti naqset milli tanalizza li l-korrispondenza ntbagħtet, wara li l-proċeduri ġew istitwiti u l-appellati nfushom kienu jafu li l-azzjoni kienet preskritta u xorta mexxew bil-kawża. Ikomplu li l-Ewwel Qorti straħet biss fuq l-allegat aċċettazzjoni tal-ħlas dovut minn Agnieszka Rzepecka, liema stat ta' fatt hu kkontestat, tenut kont li l-istess Rzepecka kienet konxja ta' xi wħud mill-fatturi u mhux tal-fatturi kollha, u l-ħlas allegat dovut huwa kkontestat.

47. Fuq ix-xaqliba l-oħra, l-appellati jwieġbu li kienet il-kumpanija appellanti li naqset li toġġezzjona għall-provi mressqa quddiem l-Ewwel Qorti u saħansitra naqset milli tqajjem eċċezzjonijiet dwar il-mertu

quddiem dik il-Qorti meta hija kellha l-opportunità kollha li titlob lill-Ewwel Qorti tawtorizżżahom li jqajmu eċċezzjonijiet ulterjuri kif permessi mil-liġi f'dak l-istadju.

48. L-appellati jgħidu li l-oġġezzjoni tal-kumpanija appellanti għall-fatt li l-Ewwel Qorti straħet fuq il-korrispondenza ppreżentata minnha stess ma treġix. Jgħidu li Agnieszka Rzepecka aċċettat li hemm debitu fis-somma sħiħa u saħansitra apparti minn metodu ta' ħlas, talbet servizzi ulterjuri minnhom sabiex ikun hemm kooperazzjoni bejn il-partijiet biex jinġabru somom mingħand debituri tal-istess kumpanija u jiġi paċut l-ammont dovut lilhom. Lanqas l-argument li kienu għaddew sentejn meta ntbagħtet il-korrispondenza ma jreġi. Fl-aħħar nett jagħlqu billi jgħidu li l-korrispondenza ma kinitx privileġġata u b'hekk huma kellhom kull dritt jippreżentawha quddiem il-Qorti. Barra minn hekk, id-dokumentazzjoni ppreżentata minnhom issaħħaħ il-pretensjonijiet tagħhom.

49. Fil-kamp ċivili, jaqa' fuq il-parti attriċi li tipprova tajjeb biżżejjed u fil-grad li titlob il-liġi, u jiġifieri fuq bażi ta' probabbiltà u mhux fuq l-assolutezza tal-kredibiltà (**Artikolu 562 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**). Illi l-grad tal-prova f'materja ċivili tfisser minn din il-Qorti bħala dak li jkun biżżejjed biex b'konvinċiment morali tista' tgħid illi dak allegat, x'aktarx iva milli le, seħħ. Jekk dak li ġie mixli li seħħ huwa xi ħaġa li, normalment, aktar ma seħħx milli sseħħ, il-provi meħtieġa biex

tasal għall-konvinċiment illi dik il-ħaġa seħħet ikunu aktar qawwijin milli kienu jkunu li kieku l-ħaġa, normalment, aktar isseħħ milli ma sseħħx. Madankollu, il-grad ta' prova dejjem jibqa' dak meħtieġ biex il-ġudikant jista' b'serenità jasal għall-konvinċiment morali li l-ħaġa, aktar iva milli le, seħħet. Xi jkunu dawk il-provi jiddependi mbagħad fuq iċ-ċirkostanzi tal-każ (ara Appell Ċivili tas-26 ta' Mejju, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Alexander Caruana v. Atlas Insurance PCC Ltd***; kif ukoll is-sentenza wkoll tal-Qorti tal-Appell tal-21 ta' Lulju, 2021 fil-kawża fl-ismijiet ***Madeleine Bezzina v. Emanuel Bezzina et***).

50. L-Ewwel Qorti fis-sentenza tagħha ħadet kont tal-fatturi, kif ukoll tal-korrispondenza bejn il-partijiet (Dok JS03 f'paġna 186 u 187 tal-atti), fejn hemm ċaħda fl-*email* li kien hemm xi ammont dovut, billi ma kienx ingħata servizz u l-Qorti rreferiet imbagħad għall-korrispondenza (f'paġni 169 u 174 tal-atti) mibgħuta minn Agnieszka Rzepecka, fejn kif qalet l-Ewwel Qorti ma kkontestatx li ngħata servizz mill-atturi, u li l-ħlas mistenni minnhom kien dovut, tant li pproponiet modalità ta' ħlas. Huwa minnu li l-korrispondenza ntbagħtet wara li ġiet ippreżentata l-kawża, iżda ma jidhirx li din intbagħtet mingħajr preġudizzju lanqas. Minbarra dan, huwa stabbilit skont l-**Artikolu 2108(2) tal-Kodiċi Ċivili**, li tista' ssir rinunzja għall-preskrizzjoni ġa akkwistata (ara ***Patrick Camilleri et nomine v. Dr Kevin F. Dingli et nomine*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-21 ta' Ottubru, 2021 u ***Joseph Abela v. Francis Cassar*** deċiża mill-Qorti tal-Appell fl-

14 ta' Jannar, 2002).

51. Fuq kollox, fl-atti proċesswali ġiet ippreżentata l-ittra ta' ingaġġ, il-fatturi u hemm ukoll ix-xhieda tal-appellati bil-ġurament li kkonfermaw li s-servizzi ngħataw u li ma kienx hemm kontestazzjoni fuqhom mill-kumpanija appellanti. Ma tressqitx prova kuntrarja min-naħa tal-kumpanija appellanti li ċċaqlaq il-bilanċ favuriha.

52. Ma jistax ukoll ma jiġix innutat li l-kuraturi deputati, wara li kkomunikaw mar-rappreżentant tal-kumpanija appellanti, fejn fl-*email* ippreżentata minnhom qalilhom fuq xiex kienet ibbażata l-oġġezzjoni tal-kumpanija konvenuta, kellhom l-opportunità li jitolbu lill-Ewwel Qorti sabiex iressqu eċċezzjonijiet ulterjuri permezz ta' rikors b'riħet l-**artikolu 728(2) tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili**. Dan iżda l-kuraturi deputati m'għamluhx.

53. Għalhekk anke dan l-aggravju qiegħed jiġi miċħud.

**Deċiżjoni**

Għaldaqstant għal dawn ir-raġunijiet, il-Qorti qiegħda **<u>tiċħad</u>** l-appell tal-kuraturi deputati l-Avukat Dottor Josette Sultana u l-Prokuratur Legali Doreen Aquilina fil-kwalità tagħhom ta' rappreżentanti tal-kumpanija

konvenuta OpusTrust Sp. z.o.o u tikkonferma f'kollox is-sentenza appellata, bl-ispejjeż kollha kontra l-istess kumpanija appellanti.

| | | |
|---|---|---|
| Mark Chetcuti<br>Prim Imħallef | Christian Falzon Scerri<br>Imħallef | Josette Demicoli<br>Imħallef |

Deputat Reġistratur
ss